**420. Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu, l-Onor. Ian Borg, jipproponi:**

Illi minkejja kull provvediment ieħor fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra u riżoluzzjonijiet oħra approvati mill-Kamra, dan li ġej għandu jirregola l-proċedura dwar l-Estimi Ġenerali tal-Ispiża għas-sena 2026 u dwar l-Estimi Supplimentari tal-Ispiża għas-sena 2025.

## A. Provvedimenti Ġenerali

1. Illi jkunu jistgħu jittieħdu aktar minn seba' seduti għall-konsiderazzjoni tal-Estimi Ġenerali fil-Kumitat ta' Provvista (Ordni Permanenti Nru 71(3)(ċ)).

2. Illi l-Kamra tista' tiltaqa' filgħodu, waranofsinhar u filgħaxija fl-istess ġurnata.

3. Illi fil-jiem li fihom isiru d-diskussjonijiet fuq ir-riżoluzzjonijiet tad-diversi Ministeri f'Kumitat ta' Provvista għall-Estimi Ġenerali 2026, il-ħinijiet li fihom għandha tiltaqa' l-Kamra huma kif ġej:

(i) Meta l-Kamra tiltaqa' filgħodu, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs, bl-ewwel nofs għall-Oppożizzjoni u t-tieni nofs għall-Gvern. Id-dibattitu jibda fid-9.00 a.m. u jispiċċa f'nofsinhar. Is-seduta tkun mingħajr mistoqsijiet u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx.

(ii) Meta l-Kamra tiltaqa' filgħaxija, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs, bl-ewwel nofs għall-Oppożizzjoni u t-tieni nofs għall-Gvern. Il-Kamra tiltaqa' fl-4.00 p.m. Mistoqsijiet jistgħu jiġu magħmula lill-Ministri sa mhux aktar tard mill-4.30 p.m. Id-dibattitu jibda fl-4.30 p.m. u jispiċċa fis-7.30 p.m., u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx.

(iii) Fis-seduta mħollija għad-diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-**Uffiċċju tal-Prim Ministru** ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn erba' sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs, bl-ewwel nofs għall-Oppożizzjoni u t-tieni nofs għall-Gvern. Il-Kamra tiltaqa' fit-3.00 p.m., Mistoqsijiet jistgħu jiġu magħmula lill-Ministri sa mhux aktar tard mit-3.30 p.m. Id-dibattitu jibda fit-3.30 p.m. u jispiċċa fis-7.30 p.m., u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx.

4. Illi l-ħin li jittieħed għal xi sospensjoni waqt id-diskussjonijiet kollha konnessi mal-Estimi Ġenerali 2026 jew l-Estimi Supplimentari 2025, kif ukoll waqt iż-żewġ approprjazzjonijiet, għandu jiżdied mal-ħin stabbilit għall-interruzzjoni tax-xogħol.

5. Illi minbarra t-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgħa, il-Kamra tista' tiltaqa' wkoll il-Ħamis, il-Ġimgħa u s-Sibt, kemm filgħodu, waranofsinhar u filgħaxija fl-istess jum.

6. Illi meta l-Kamra tiltaqa' nhar ta' Ħamis, kemm filgħodu, kemm waranofsinhar u kemm filgħaxija, isir biss xogħol tal-Gvern.

7. Illi fis-seduti kollha li għandhom x'jaqsmu mal-Estimi Ġenerali 2026 jew l-Estimi Supplimentari 2025 kif ukoll waqt iż-żewġ approprjazzjonijiet, jista' jsir xogħol ieħor tal-Gvern, inklużi mozzjonijiet u riżoluzzjonijiet, kif ikun jidher fuq l-Aġenda, wara li jispiċċa x-xogħol finanzjarju fil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol. Wara li jgħaddi x-xogħol kollu li jkun jidher fuq l-Aġenda, jitressaq l-Aġġornament u l-ħin tal-Aġġornament ma jitteħidx.

8. Illi matul il-perjodu li fih ikunu qed isiru s-seduti kollha li għandhom x'jaqsmu mal-Estimi Ġenerali 2026, l-Estimi Supplimentari 2025 kif ukoll waqt iż-żewġ approprjazzjonijiet, il-Kamra tista' tiltaqa' wkoll biex isir xogħol ieħor tal-Gvern, inklużi mozzjonijiet u riżoluzzjonijiet, kemm filgħodu, waranofsinhar u anke filgħaxija, kif ikun jidher fuq l-Aġenda.

## B. Estimi Ġenerali 2026

1. Illi jkun hemm żewġ seduti fuq il-mozzjoni biex il-Kamra tmur f'Kumitat ta' Provvista għas-sena 2026. L-ewwel seduta minn dawn tkun għall-Oppożizzjoni, waqt li t-tieni waħda tkun għall-Gvern, u ż-żewġ seduti jkunu eżenti mil-limiti ta' ħin għad-diskorsi skont l-Ordni Permanenti Nru 49 jew xi riżoluzzjoni oħra. Il-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ta' dawn iż-żewġ seduti jkun fit-8.30 p.m. u l-ewwel votazzjoni tittieħed ħames minuti wara li tintalab, waqt li l-votazzjonijiet l-oħra kollha li jistgħu jintalbu, jittieħdu immedjatament wara. Il-ħin tal-Aġġornament ta' dawn is-seduti ma jitteħidx.

2. Illi fil-jiem tal-Kumitat ta' Provvista:

(i) kull Ministru jressaq ir-riżoluzzjonijiet tiegħu fil-Kumitat fil-bidu tad-diskussjoni dwarhom u mbagħad il-ħin disponibbli għad-diskussjoni jinqasam indaqs bejn Gvern u Oppożizzjoni bl-aħħar nofs għall-Gvern;

(ii) fil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol finanzjarju, id-diskussjoni tiġi meqjusa bħala konkluża salv għal xi rikonsiderazzjoni li jista' jipproponi l-Gvern dakinhar jew f'data ulterjuri sabiex jitressqu emendi għal xi riżoluzzjonijiet partikolari; u t-tqegħid tal-mistoqsija fuq ir-riżoluzzjonijiet kif jidhru fuq l-Aġenda, u fuq l-emendi li jista' jkun hemm għalihom jiġu posposti għal seduta/i li d-dati tagħhom jiġu deċiżi mill-Gvern, f'liema seduta/i Ministru jista' wkoll iressaq emendi li jitqiegħdu għall-vot mingħajr diskussjoni;

(iii) fis-seduta/i allokata/i għar-rikonsiderazzjoni ta' xi riżoluzzjonijiet jew/u għat-teħid tal-votazzjonijiet u l-emendi li jista' jkun hemm għalihom, skont il-paragrafu preċedenti, l-ewwel votazzjoni għandha tittieħed ħames minuti wara li tintalab waqt li l-votazzjonijiet l-oħra, jekk ikun hemm, jittieħdu immedjatament warajha, sakemm ma jkunx hemm ftehim mod ieħor.

3. Illi l-voti ta' kull Ministeru fil-Kumitat ta' Provvista jistgħu jittieħdu għad-diskussjoni mhux fl-ordni u fid-dati kif jidhru hawn taħt, u iktar minn voti ta' Ministeru wieħed jistgħu jiġu diskussi f'seduta waħda.

Il-ħinijiet u d-dati tad-dibattiti kif indikati fl-iskeda murija hawn taħt jistgħu jinbidlu bi ftehim milħuq fil-Kamra.

DISKORS TAL-BUDGET
It-Tnejn, 27 ta' Ottubru 2025 fis-6.30 p.m.

RISPOSTA MILL-KAP TAL-OPPOŻIZZJONI
It-Tnejn, 3 ta' Novembru 2025 mis-6.30 p.m. sat-8.30 p.m.

RISPOSTA MILL-PRIM MINISTRU
It-Tlieta, 4 ta' Novembru 2025 mis-6.30 p.m. sat-8.30 p.m.

L-EWWEL SEDUTA
MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U T-TURIŻMU
L-Erbgħa, 5 ta' Novembru 2025 mill-4.30 p.m. sas-7.30 p.m.

IT-TIENI SEDUTA
MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ U X-XOGĦOL
It-Tnejn, 10 ta' Novembru 2025 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar

IT-TIELET SEDUTA
MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, L-INTRAPRIŻA U PROĠETTI STRATEĠIĊI
It-Tnejn, 10 ta’ Novembru 2025 mill-4.30 p.m. sas-7.30 p.m.

IR-RABA’ SEDUTA
MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI
It-Tlieta, 11 ta’ Novembru 2025 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar

IL-ĦAMES SEDUTA
MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INDAFA PUBBLIKA
It-Tlieta, 11 ta’ Novembru 2025 mill-4.30 p.m sas-7.30 p.m.

IS-SITT SEDUTA
MINISTERU GĦALL-FONDI EWROPEJ U
L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM ELETTORALI
L-Erbgħa, 12 ta’ Novembru 2025 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar

IS-SEBA’ SEDUTA
MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI
L-Erbgħa, 12 ta’ Novembru 2025 mill-4.30 p.m. sas-7.30 p.m.

IT-TMIEN SEDUTA
MINISTERU GĦALL-KULTURA, L-ARTIJIET U L-GVERN LOKALI
It-Tnejn, 17 ta’ Novembru 2025 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar

ID-DISA’ SEDUTA
MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA
It-Tnejn, 17 ta’ Novembru 2025 mill-4.30 p.m. sas-7.30 p.m.

L-GĦAXAR SEDUTA
MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI
It-Tlieta, 18 ta’ Novembru 2025 mill-4.30 p.m. sas-7.30 p.m.

IL-ĦDAX-IL SEDUTA
MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI
L-Erbgħa, 19 ta’ Novembru 2025 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar

IT-TNAX-IL SEDUTA
UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU
L-Erbgħa, 19 ta’ Novembru 2025 mit-3.30 p.m. sas-7.30 p.m.

IT-TLETTAX-IL SEDUTA
MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT
It-Tnejn, 24 ta’ Novembru 2025 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar

L-ERBATAX-IL SEDUTA
MINISTERU GĦALL-FINANZI
It-Tnejn, 24 ta’ Novembru 2025 mill-4.30 p.m. sas-7.30 p.m.

IL-ĦMISTAX-IL SEDUTA
MINISTERU GĦAL GĦAWDEX U L-IPPJANAR
It-Tlieta, 25 ta’ Novembru 2025 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar

IS-SITTAX-IL SEDUTA
MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL
It-Tlieta, 25 ta' Novembru 2025 mill-4.30 p.m. sas-7.30 pm

IS-SBATAX-IL SEDUTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
L-Erbgħa, 26 ta' Novembru 2025 mill-4.30 p.m. sas-7.30 p.m.

Il-votazzjonijiet fuq ir-Riżoluzzjonijiet u l-Emendi konnessi mal-Estimi,
l-Approprjazzjoni għas-sena 2026 – l-istadji kollha, u
l-Estimi Supplimentari 2025 – l-istadji kollha,
jittieħdu f'seduta/i li d-data tagħhom jiġu deċiżi mill-Gvern skont il-paragrafu B(2)(ii).

16 ta' Ottubru 2025